

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1338/2013**tat-13 ta' Diċembru 2013****li jemenda għall-208 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-network tal-Al-Qaida**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-network tal-Al-Qaida,⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) u 7a(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dan ir-Regolament.
- (2) Fl-4 ta' Diċembru 2013, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) ddeċieda

li jneħħi persuna waħda mil-lista tiegħu ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi.

- (3) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament se jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament se jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,**Il-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija*

⁽¹⁾ ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

ANNEX

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002, huwa emendat kif ġej:

Titħassar l-annotazzjoni li ġejja taħt l-intestatura "Persuni fiżiċi":

"Youcef **Abbes** (*magħruf ukoll bħala* Giuseppe). Data tat-twelid: 5.1.1965. Post tat-twelid: Bab el Oued, Alġeri, l-Alġerija. Nazżjonalità: Alġerin. Tagħrif ieħor: (a) Isem il-missier huwa Mokhtar, (b) Isem l-omm huwa Abbou Aicha. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 17.3.2004."
